DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI

DIPARTIMENT TEMATIKU B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI

KULTURA U EDUKAZZJONI

# RIĊERKA GĦALL-KUMITAT CULT

# L-EDUKAZZJONI GĦALL-ADULTI U R-RIŻORSI EDUKATTIVI MIFTUĦA

## SOMMARJU EŻEKUTTIV


Astratt

Dan l-istudju janalizza l-użu attwali ta' Riżorsi Edukattivi Miftuħa fl-edukazzjoni tal-adulti, jevalwa l-potenzjal tagħhom u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal interventi ta' politika, fil-qies tal-oqfsa ta' politika tal-Kummissjoni Ewropea. Jinkorpora riċerka ġdida dwar aktar minn 12-il Stat Membru, jibni fuq sinteżi tar-riċerka eżistenti minn firxa ta' proġetti fosthom POERUP (Policies for OER Uptake ) u fuq studju tal-2014-15 dwar Riżorsi Edukattivi Miftuħa Konġunti għaċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka (JRC), li kienu segwiti minn żewġ studji aktar reċenti tal-JRC u mill-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (LLP).



IP/B/CULT/IC/2014-117 Settembru 2015

PE 563.397 MT

Dan id-dokument ġie mitlub mill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal Parlament Ewropew.

## AWTURI

Sero Consulting Ltd, Ir-Renju Unit: Paul Bacsich, b'riċerka addizzjonali minn Giles Pepler, Sara Frank Bristow, Ebba Ossiannilsson, Alistair Creelman, Eva Szalma u Ilmars Slaidins

## AMMINISTRATUR RESPONSABBLI

Miklos Gyoerffi
Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni
Parlament Ewropew
B-1047 Brussell
Posta elettronika: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

## ASSISTENZA EDITORJALI

Lyna Pärt

## VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI

Oriġinal: EN

## DWAR IL-PUBBLIKATUR

Biex tikkuntattja d-Dipartiment Tematiku B jew biex tabbona fl-ittra ta' informazzjoni li toħroġ ta' kull xahar, jekk jogħġbok ikteb lil: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta Settembru 2015.
© Unjoni Ewropea, 2015.

Dan id-dokument huwa disponibbli fl-internet fl-indirizz:
http://www.europarl.europa.eu/supporting-analyses

## KLAWŻOLA TA' ESKLUŻJONI MIR-RESPONSABILITÀ

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabbiltà esklużiva tal-awturi u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u tintbagħatlu kopja.

# SINTEŻI EŻEKUTTIVA

## Ħarsa ġenerali

L-edukazzjoni għall-Adulti hi suġġett ta' interess kbir fl-Unjoni Ewropea. B'mod allarmanti, wieħed minn kull ħames adulti għandhom livell baxx ta' ħiliet lingwistiċi u matematiċi, wieħed minn kull erbgħa bilkemm lestew aktar minn livell ta' edukazzjoni sekondarja baxxa, u wieħed minn kull tlieta għandhom ftit jew xejn ħiliet fit-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT). Filwaqt li qiegħed isir progress regolari, għad fadal ħafna xogħol xi jsir.

Minkejja r-reċessjoni, l-użu ta' Riżorsi Edukattivi Miftuħa (OER) qiegħed jiżviluppa b'rata mgħaġġla fl-Ewropa. Ftit Stati Membri ħadu pożizzjonijiet ta' tmexxija fil-qasam tal-edukazzjoni miftuħa. Jidher ċar li l-OER jistgħu joffru bosta benefiċċji, inkluża l-possibilità aktar fit-tul ta' provvista tal-edukazzjoni b'mod aktar effettiv filwaqt l-ispejjeż jibqgħu taħt kontroll.

Dan l-istudju huwa dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti fil-kuntest tal-OER. Għal tagħrif aktar aġġornat dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti b'mod ġenerali, il-qarrej mitlub jara r-rapport Eurydice ta' Frar 2015, intitolat Adult Education and Training in Europe: Widening Access to Learning Opportunities (L-Edukazzjoni għall-Adulti u t-Taħriġ fl-Ewropa: it-Twessigħ tal-Aċċess għall-Opportunitajiet ta' Tagħlim).

## Struttura

L-istudju huwa strutturat f'ħames kapitoli.

Il-Kapitlu 1 joffri introduzzjoni qasira.

Il-Kapitlu 2 jagħti l-isfond tal-politika.

Il-Kapitlu 3 jiddeskrivi l-pjan ta' riċerka fid-dettall. Jenfasizza żewġ mistoqisjiet ġenerali: (1) id-disponibilità/il-fattibilità tal-OER fl-Edukazzjoni għall-Adulti u (2) l-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu biex dan jiġi msaħħaħ. Jelenka tmien mistoqsijiet speċifiċi li ukoll għandhom jiġu mwieġba. Il-Kapitlu jintemm b'deskrizzjoni strutturali tas-settur tal-edukazzjoni għall-adulti u sommarju qasir tad-definizzjoni tal-OER tal-UNESCO.

Il-Kapitlu 4 hu wieħed twil li jwieġeb fid-dettall il-maġġoranza tal-mistoqsijiet. Jittratta waħda minimament j(fuq l-OER għall-għajnuna tal-bażi tal-għarfien), fejn jikkunsidraha bħala marġinali, u jipposponi parti oħra (fuq għodod ta' politika) għall-kapitlu dwar il-politika (Kapitlu 5). Għajr hekk, jikkunsidra l-mistoqsijiet kif imqiegħda; madankollu, sabiex ikun hemm "fil prominenti" (red thread), juża skema ta' benchmarking u ġestjoni tat-tibdil, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet tal-MIT90s, biex jorbot flimkien l-10 temi strateġiċi. Hemm tweġibiet dettaljati dwar kwalità, spiża, liċenzjar (hu rakkomandat il-Creative Commons), l-akkreditazzjoni ta' tagħlim informali, u dwar it-tibdil fir-rwol tal-istabbilimenti edukattivi. Il-Kapitlu jintemm b'kunsiderazzjoni tal-ostakli għall-OER, MOOCs (Korsijiet Onlajn Miftuħa u Massivi) u tipi oħra ta' tagħlim flessibbli, bħala rabta mal-kapitlu dwar il-politika. Il-kapitlu jsegwi tema qawwija dwar dak li l-istituzzjonijiet iridu jagħmlu biex jinbidlu ħalli jindirizzaw l-isfidi l-ġodda mqajma mill-OER għall-edukazzjoni għall-adulti. Il-ħiliet (u l-attitudnijiet) tal-persunal u tal-istudenti, żewġ temi ta' riferiment ewlenin, huma ripetutement koperti minn angoli differenti.

Il-Kapitlu 5 jintegra t-tweġibiet għall-mistoqsijiet fil-Kapitlu 4 mal-ħidma li għadha għaddejja rigward politika dwar l-OER u t-tagħlim miftuħ u flessibbli, sabiex jipproduċi sinteżi ta' politika. Jistruttura mill-ġdid it-13-il "Sejħa" tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar

aġenda Ewropea mġedda għat-tagħlim għall-adulti f'format aktar faċli għall-OER u jintegra d-dokumenti ta' politika HE u VET tal-POERUP li qabel kienu separati, f'sinteżi ġdida orjentata direttament lejn l-edukazzjoni għall-adulti. It-taqsima li jmiss tmexxi l-aġenda 'l quddiem lejn setturi ta' tagħlim mhux formali u informali. Sezzjoni finali tirrakkomanda rabta bejn dawn, permezz ta' Gateways ta' Akkreditament, li jibnu fuq ħidma preċedenti dwar l-Akkreditament tat-Tagħlim Preċedenti (fl-HE) u "one-stop shops" fl-ETV (Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali) u l-edukazzjoni għall-adulti.

L-istudju jagħlaq b'ġabra qasira ta' Rikonoxximenti, segwita minn Glossarju (b'iktar minn 80 referenza) u b'bibljografija komprensiva (b'iktar minn 410 daħla) ta' dokumenti ta' riċerka u rapporti li ġew ikkonsultati. Il-biblijografija għandha l-għan li tiffoka fuq riċerka rieżaminata mill-pari u rapporti uffiċjali (Eurydice, Eurostat, OECD, UNESCO, eċċ.) iżda n-natura mgħaġġla u frammentarja tal-bażi tal-evidenza tfisser li għandhom jitqiesu numru ta' prodotti ta' kwalità iktar baxxa, flimkien ma' żieda dejjem akbar ta' stqarrijiet ta' politika mill-Parlament Ewropew flimkien ma' dawk tal-Kummissjoni Ewropea u tal-aġenziji sussidjarji tagħha.

## Riżultati ewlenin tal-Kapitlu 4: il-mistoqsijiet u t-tweġibiet tagħhom

Hemm biżżejjed attività tal-OER għaddejja b'rabta mal-Edukazzjoni għall-Adulti biex inkunu nistgħu nisiltu xi konklużjonijiet bil-kunfidenza; madankollu, xi konklużjonijiet huma biss tentattivi u għal oħrajn il-bażi tal-evidenza (speċjalment f'termini ta' każijiet ta' studju) hija dgħajfa.

L-aktar mod siewi kif dak li jkun jikkunsidra t-tema tal-OER huwa fi ħdan is-suġġett usa' tal-użu tal-ICT fl-Edukazzjoni għall-Adulti.

Fil-fehma tagħna l-kwistjonijiet ta' kwalità u l-akkreditament tista' tinstab soluzzjoni għalihom, iżda nħeġġu lill-aġenziji Ewropej u nazzjonali biex iħaffu l-pass ħalli jsolvuhom.

Il-kwistjoni tar-rikonoxximent ta' tagħlim preċedenti hija, għal darba oħra, fil-fehma tagħna faċli biex tissolva, iżda tirrikjedi element ta' attenzjoni speċjalizzata u progress aktar mgħaġġel QEK (Qafas Ewropew tal-Kwalifiki), ECTS(Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti) u t-trasferiment ta' krediti b'mod ġenerali.

L-iffrankar tal-ispejjeż tant mixtieqa potenzjalment jistgħu jintlaħqu, iżda l-informazzjoni minn każijiet ta' studju hi limitata. Barra minn hekk, l-iffrankar fl-ispejjeż jista' jinkiseb biss permezz ta' bidliet għas-sistema edukattiva li jista' jkun ta' sfida f'xi Stati Membri għax jitqies bħala ksur tar-rwol tal-istituzzjonijiet jew tal-għalliema fi ħdanhom. Se jkun hemm bżonn ta' kompromessi. Stati iżgħar, u reġjuni awtonomi iżgħar fi ħdan l-Istati (speċjalment dawk bil-lingwi tagħhom stess), jista' jkollhom diffikultà biex iwettqu dawn il-kompromessi.

Possibbli wkoll li jkun hemm firxa ta' azzjonijiet b'kollaborazzjonijiet bilaterali jew multilaterali speċifiċi għal-lingwa bejn l-Istati Membri.

## Riżultati ewlenin tal-Kapitlu 5: rakkomandazzjonijiet u politiki

### Kwalità u akkreditament

- L-Aġenziji Nazzjonali tal-Kwalità, b'appoġġ mill-ENQA (għall-HE) u EQAVET (għall-ETV) għandhom jiżviluppaw l-fehim tagħhom ta' modi ġodda ta' tagħlim (inkluż online, mill-bogħod, OER u MOOCs) u għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda preġudizzju impliċitu li ma jkunx ibbażat fuq l-evidenza kontra dawn il-modi ġodda.

- Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali relatati li qegħdin jiżviluppaw iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja u ż-Żona Ewropea għall-Ħiliet u l-Kwalifiki għandhom jaħdmu biex inaqqsu l-ostakoli regolatorji kontra modi ġodda ta' forniment li mhumiex ibbażati fuq il-ħin tal-istudju.
- L-Istati Membri għandhom iħeġġu aktar bil-qawwa lill-fornituri tal-HE u tal-ETV biex itejbu u jagħtu proċedura lill-attività tagħhom dwar l-Akkreditament tat-Tagħlim Preċedenti.
- L-Istati Membri l-kbar għandhom jistabbilixxu Akkreditament Miftuħ għall-akkreditament tal-istudenti għall-istudji HE u mudell parallel permezz ta' "one stop shops", biex jakkreditaw il-kompetenzi vokazzjonali.

Żvilupp tal-persunal

- L-Istati Membri, b'appoġġ mill-Kummissjoni, għandhom jappoġġjaw l-iżvilupp ta' programmi ta' żvilupp professjonali inizjali u kontinwi onlajn għall-għalliema/ħarrieġa/letturi, li jiffokaw fuq it-tagħlim onlajn u l-IPR.
- L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-użu ta' skemi ta' inċentivi għall-għalliema/ħarrieġa/letturi involuti fi żvilupp professjonali onlajn tal-ħiliet pedagoġiċi tagħhom inkluż it-tagħlim onlajn.

OER u IPR

- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jadottaw u jirrakkomandaw liċenzja standard tal-Creative Commons għall-materjal ta' taħriġ edukattiv u vokazzjonali li huma involuti fil-finanzjament tiegħu.
- L-Istati Membri għandhom jeliminaw gradwalment l-użu tar-restrizzjoni "mhux kummerċjali" fuq il-kontenut.

L-ispejjeż u riċerka oħra

- L-Istati Membri għandhom iżidu l-iskrutinju tagħhom tal-bażi ta' spiża għat-tagħlim universitarju u t-taħriġ vokazzjonali u jikkunsidraw il-benefiċċji ta' modi differenti ta' finanzjament għall-istituzzjonijiet tagħhom

Enfasi fuq l-istudenti

- L-Istati Membri għandhom jippromwovu (fil-kuntest ta' għanijiet u objettivi edukattivi sovrani tagħhom) għal studenti adulti, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' riżorsi miftuħa maħluqa permezz tal-programmi rispettivi tagħhom tas-settur kulturali tal-iskejjel.
- Għandhom jiġu ddedikati fondi speċifiċi għall-bini ta' corpus ta' materjal tal-OER f'oqsma tematiċi ewlenin ta' interess għall-adulti. Il-corpus għandu idealment jitfassal għall-istudju awtonomu indipendenti, l-istudju awtonomu ggwidat (kemm fis-settur formali u informali) u bħala appoġġ għal-letturi li jgħallmu dawn il-korsijiet. Dan jimmassimizza l-investiment fihom. Aktar milli sempliċiment materjal testwali 'silenzjuż', il-materjali għandu jkun fihom elementi awdjoviżivi u, għal kunċetti li diffiċli biex jiġu mgħallma, komponenti u kwiżżijiet interattivi. Dan sa ċertu punt għandu jegħleb l-ostakli li jistgħu jinstabu għall-istudju ta' materjal testwali minn dawk li l-qari tagħhom bil-lingwa/i nazzjonali jista' jkun anqas adegwat.

Finanzjament

- Fondi skarsi għall-appoġġ ta' studenti adulti għandhom dejjem ikunu mmirati b'mod li jippremjaw l-output biex studenti adulti jiġu ppremjati għall-progress tagħhom fil-QEK. Il-Gateways ta' Akkreditament (one stop shops) jista' jkollhom rwol ewlieni f'dan il-proċess. Huwa rikonoxxut li biex dan taħdem tajjeb, hemm bżonn ta' QEK aktar żviluppat u mifrux minn dak li jeżisti bħalissa.